# L-Għid il-Kbir tal-Qawmien tal-Mulej mill-Imwiet

**Solennità - Quddiesa tal-Jum**

## Qari I

*Aħna kilna u xrobna miegħu wara li qam mill-imwiet.*

Atti 10, 34a.37-43

**Qari mill-Ktieb tal-Atti tal-Appostli**

F'dak iż-żmien, [34]Pietru qabad jitkellem u qal: [37]«Intom tafu b'dak
li ġara mal-Lhudija kollha, ibda mill-Galilija, wara li Ġwanni kien
xandar il-magħmudija; [38]tafu kif Alla kkonsagra lil Ġesù ta' Nazaret
bl-Ispirtu s-Santu u bil-qawwa, u kif dan Ġesù għadda jagħmel il-ġid
u jfejjaq lil dawk kollha li kienu maħkuma mix-xitan, għax Alla kien
miegħu. [39]U aħna xhud ta' dak kollu li hu għamel fl-art tal-Lhudija u
f'Ġerusalemm.

Tawh il-mewt billi dendluh mal-għuda tas-salib; [40]imma Alla qajmu
mill-imwiet fit-tielet jum u għamel li hu jidher, [41]mhux lil kulħadd,
imma lix-xhieda li Alla għażel minn qabel, lilna, li miegħu kilna u
xrobna wara l-qawmien tiegħu mill-imwiet.

[42]Lilna ordnalna biex inxandruh lill-poplu u nixhdu li dan hu dak li
Alla għamlu mħallef tal-ħajjin u tal-mejtin. [43]Il-profeti kollha jixhdu
għalih u jgħidu li kull min jemmen fih jaqla' l-maħfra tad-dnubiet
bis-saħħa ta' ismu.»

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 117 (118), 1-2.16ab-17. 22-23

R/. (24): Dan hu l-jum li għamel il-Mulej;
ħa nifirħu u nithennew fih. Hallelujah

1 Faħħru lill-Mulej, għaliex hu tajjeb,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu!
2 Ħa jgħidu wlied Iżrael:
«Għal dejjem it-tjieba tiegħu.» R/.

16 Il-leminija tal-Mulej ’il fuq merfugħa,
il-leminija tal-Mulej għamlet ħwejjeġ ta’ ħila!
17 Ma mmutx, imma nibqa’ ngħix,
u nħabbar l-għemejjel tal-Mulej. R/.

22 Il-ġebla li warrbu l-bennejja
saret il-ġebla tax-xewka.
23 Bis-saħħa tal-Mulej seħħ dan:
ħaġa tal-għaġeb f’għajnejna. R/.

# Qari II

*Fittxu l-ħwejjeġ tas-sema, fejn qiegħed Kristu.*

Kol 3, 1-4

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Kolossin**

Ħuti, [1]jekk intom irxuxtajtu ma' Kristu, fittxu l-ħwejjeġ tas-sema,
fejn Kristu qiegħed fuq il-lemin ta' Alla. [2]Aħsbu fil-ħwejjeġ tas-sema,
mhux f'dawk tal-art.

[3]Għax intom mittu, imma ħajjitkom hi moħbija flimkien ma' Kristu
f'Alla. [4]Meta jidher Kristu, li hu l-ħajja tagħkom, imbagħad intom
ukoll tidhru flimkien miegħu fil-glorja.

**Il-Kelma tal-Mulej**

℟. Irroddu ħajr lil Alla

*Jew*

# Qari II

*Tnaddfu mill-ħmira l-qadima, ħa tkunu għaġna ġdida.*

1 Kor 5, 6b-8

**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin**

Ħuti, [6]ma tafux li ftit ħmira ttalla' l-għaġna kollha? [7]Tnaddfu
mill-ħmira l-qadima ħalli tkunu għaġna ġdida, kif intom bla ħmira.

Il-Ħaruf tal-Għid tagħna, li hu Kristu, hu maqtul!

[8]Nagħmlu festa, mhux bil-ħmira l-qadima, anqas bil-ħmira tal-qerq u
tal-ħażen, imma bil-ħobż bla ħmira tas-safa u tas-sewwa.

**Il-Kelma tal-Mulej**

℟. Irroddu ħajr lil Alla

## Sekwenza

Ħa jgħollu l-insara b'tifħirhom
il-Vittma tal-Għid:
għax feda l-Ħaruf in-nagħaġ tiegħu
mill-jasar tal-mewt;
Ġesù raġa' ħabbeb il-midneb
ma' Alla l-Missier.

*Victimae paschali laudes*
*immolent christiani.*
*Agnus redemit oves:*
*Christus innocens*
*Patri reconciliavit peccatores.*

F'taqbida tal-għaġeb mal-Ħajja
inqerdet il-Mewt;
u qam Sid il-ħajja mill-qabar,
isaltan rebbieħ.

*Mors et vita*
*duello conflixere mirando:*
*dux vitae mortuus,*
*regnat vivus.*

«Għidilna, Marija, ħabbrilna:
fit-triq lil min rajt?»
«Jien rajt qabar Kristu li rxoxta
fis-sebħ tal-qawmien;
rajt l-Anġli li ġew jagħtu xhieda,
il-faxxa, il-liżar.
Irxoxta mill-mewt Kristu Sidi,
li fih ittamajt!
Mar hu l-Galilija qabilkom:
hemmhekk se tarawh.»

*Dic nobis, Maria,*
*quid vidisti in via?*
*Sepulcrum Christi viventis:*
*et gloriam vidi resurgentis.*
*Angelicos testes,*
*sudarium et vestes.*
*Surrexit Christus spes mea:*
*praecedet suos in Galilaeam.*

O, nemmnu li llum Kristu rxoxta
tassew mill-imwiet!
Int mela, Sultan, ħenn għalina,
O Kristu rebbieħ.
Ammen! Hallelujah!

*Scimus Christum*
*surrexisse a mortuis vere:*
*tu nobis, victor Rex,*
*miserere.*
*Amen. Alleluia.*

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

ara 1 Kor 5, 7b-8a

Hallelujah. R/. Hallelujah
Il-Ħaruf tal-Għid tagħna, li hu Kristu, hu maqtul:
nagħmlu mela festa fil-Mulej.
R/. Hallelujah

## Evanġelju

*Kristu kellu jqum mill-imwiet.*

Ġw 20, 1-9

### ✠ Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann

1 Kien l-ewwel jum tal-ġimgħa, filgħodu kmieni kif kien għadu d-dlam, u Marija ta' Magdala ġiet ħdejn il-qabar u rat il-blata mneħħija mill-qabar.

2 Għalhekk telqet tiġri għand Xmun Pietru u għand id-dixxiplu l-ieħor li kien iħobb Ġesù, u qaltilhom: «Qalgħu lill-Mulej mill-qabar, u ma nafux fejn qegħduh!»

3 Pietru u d-dixxiplu l-ieħor ħarġu u ġew ħdejn il-qabar. 4 It-tnejn
ġrew flimkien, imma d-dixxiplu l-ieħor ħaffef aktar minn Pietru
u laħaq qablu ħdejn il-qabar. 5 Tbaxxa, u ra l-faxex tal-għażel
imqiegħda hemm, iżda ma daħalx. 6 Imbagħad wasal warajh Xmun
Pietru, daħal fil-qabar, u ra l-faxex tal-għażel imqiegħda hemm,
7 u l-maktur li kien madwar rasu; dan ma kienx mal-faxex, imma
mitwi u mqiegħed f'post għalih.

8 Imbagħad id-dixxiplu l-ieħor, li kien wasal l-ewwel ħdejn il-qabar,
daħal hu wkoll, ra, u emmen. 9 Sa dakinhar kienu għadhom ma
fehmux l-Iskrittura li tgħid li kellu jqum mill-imwiet.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu

*Jew*

## Evanġelju

***L-għala qegħdin tfittxuh qalb il-mejtin lil min hu ħaj?***

Lq 24, 1-12

✠ **Qari mill-Evanġelju skont San Luqa**

1 Kmieni mas-sebħ tal-ewwel jum tal-ġimgħa n-nisa marru ħdejn
il-qabar u ħadu magħhom il-fwejjaħ li kienu ħejjew. 2 Huma sabu
l-ġebla mgerba minn quddiem il-qabar, 3 imma meta daħlu fih,
il-katavru tal-Mulej Ġesù ma sabuhx hemm.

4 U kif kienu mħassbin fuq dan, f'daqqa waħda dehrulhom
quddiemhom żewġt irġiel libsin ilbies jiddi. 5 In-nisa, mimlijin
bil-biża', baxxew għajnejhom lejn l-art; imma dawk qalulhom:
«L-għala qegħdin tfittxuh qalb il-mejtin lil min hu ħaj? 6 Mhuwiex
hawn, imma qam. Ftakru x'kien qalilkom meta kien għadu
fil-Galilija, 7 meta qal: "Jeħtieġ li Bin il-bniedem jingħata f'idejn
il-midinbin, ikun mislub, u fit-tielet jum iqum mill-imwiet."»
8 U huma ftakru kliemu.

9 Telqu lura minn ħdejn il-qabar u marru jagħtu l-aħbar ta' dan kollu
lill-Ħdax u lill-oħrajn kollha. 10 Kienu Marija ta' Magdala u Ġwanna u
Marija ta' Ġakbu u n-nisa l-oħra li kellhom magħhom; huma kienu li
qalu b'dan lill-appostli.

11 Imma d-diskors tagħhom l-appostli stħajluh thewdin, u ma
emmnuhomx. 12 Madankollu Pietru qam u mar b'ġirja lejn il-qabar;
tbaxxa biex iħares, imma ma rax ħlief faxex, u raġa' lura d-dar
mgħaġġeb b'li kien ġara.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu

*Fil-Quddiesa ta' filgħaxija jista' jinqara l-Evanġelju li ġej*

## Evanġelju

*Ibqa' magħna, għax issa sar ħafna ħin.*

Lq 24, 13-35

### Qari mill-Evanġelju skont San Luqa

[13]Dakinhar stess, fl-ewwel jum tal-ġimgħa, ġara li tnejn
mid-dixxipli kienu sejrin lejn raħal jismu Għemmaws, xi sittin stadju
bogħod minn Ġerusalemm, [14]jitħaddtu bejniethom fuq kulma kien
ġara. [15]Huma u jitħaddtu u jitkixxfu bejniethom, Ġesù nnifsu resaq
lejhom u baqa' miexi magħhom. [16]Imma għajnejhom kellhom xi
jżommhom u ma setgħux jagħrfuh.

[17]U hu qalilhom: «X'intom tgħidu bejnietkom intom u miexja?»
U huma waqfu, b'ħarsa ta' niket fuq wiċċhom. [18]Imbagħad wieħed
minnhom, jismu Kleofa, wieġeb u qallu: «Inti waħdek il-barrani
f'Ġerusalemm li ma tafx x'ġara hemmhekk f'dawn il-jiem?»
[19]«X'ġara?» staqsiehom Ġesù. Qalulu: «Dak li ġara lil Ġesù ta'
Nazaret, li kien profeta setgħan fl-għemil u fil-kliem quddiem Alla
u quddiem il-poplu kollu, [20]kif il-qassisin il-kbar u l-kapijiet tagħna
tawh f'idejn il-gvernatur biex ikun ikkundannat għall-mewt u
sallbuh. [21]Aħna konna nittamaw li hu kien dak li kellu jifdi lil Iżrael;
iżda issa, fuq kollox ġa għaddew tlitt ijiem minn dawn il-ġrajja!
[22]Issa wkoll xi wħud min-nisa tagħna ħasduna, għax marru kmieni
ħdejn il-qabar [23]u l-katavru tiegħu ma sabuhx; ġew jgħidu wkoll li
dehrulhom xi anġli li qalulhom li hu ħaj. [24]Imbagħad marru ħdejn
il-qabar xi wħud minn tagħna u sabu kollox kif kienu qalu n-nisa,
imma lilu ma rawhx!»

[25]Qalilhom Ġesù: «Kemm intom boloh u tqal biex temmnu kulma
qalu l-profeti! [26]U ma kellux il-Messija jbati dan kollu u hekk jidħol
fil-glorja tiegħu?» [27]U beda minn Mosè u l-profeti kollha jfissrilhom
kulma kien hemm fl-Iskrittura fuqu.

[28]Meta qorbu lejn ir-raħal fejn kienu sejrin hu għamel tabirruħu li kien
se jibqa' sejjer aktar 'il bogħod. [29]Iżda huma ġegħluh jibqa' magħhom
u qalulu: «Ibqa' magħna, għax issa sar ħafna ħin u l-jum ġa wasal
biex jintemm.» Imbagħad daħal biex joqgħod magħhom.

[30]U waqt li kien fuq il-mejda magħhom, qabad il-ħobż, qal il-barka,
qasmu u tahulhom. [31]Imbagħad infetħulhom għajnejhom u għarfuh,
iżda hu għab minn quddiemhom. [32]U wieħed lill-ieħor bdew jgħidu:
«Ma kinitx imkebbsa qalbna ġewwa fina huwa u jkellimna fit-triq u
jfissrilna l-Iskrittura?»

[33]Dak il-ħin stess qamu u reġgħu lura Ġerusalemm. Hemm sabu
lill-Ħdax u lil sħabhom miġbura flimkien, [34]u dawn qalulhom:
«Il-Mulej qam tassew, u deher lil Xmun!» [35]U huma wkoll tarrfulhom
x'kien ġralhom fit-triq, u kif kienu għarfuh fil-qsim tal-ħobż.

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Tifħir lilek Kristu